**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
# GHAWDEX

**GUDIKATUR: Dr Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 28 ta’ Dicembru 2001**

Fl-atti ta’ l-Avviz numru 29/01
Fl-ismijiet

Margerita mart George Vella u l-istess George Vella kif ukoll Maria Regina xebba Zerafa

-vs-

Anton Vella u martu Inez

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba fejn l-atturi ppremettew illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tas-6 ta’ April 2001 fl-ismijiet “Margerita mart George Vella proprio et nomine et vs Anton Vella” l-istess konvenut gie iddikjarat li fl-1 ta’ Marzu 1995 ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta’ l-atturi u dana billi kisser ix-xatba ta’ l-injam li kienet tezisti fl-entratura tal-passagg li minnhu l-atturi kienu jghaddu biex jahdmu r-raba taghhom “Tax-Xwejha” limiti tar-Rabat, Ghawdex li huwa tal-kejl ta’ cirka seba’ mija u disghin metru kwadri (790m$^2$) u jmiss mil-lvant ma’ Gangu Vella, tramuntana beni tal-Gvern u punent ma’ beni ta’ Francesco Vella, liema passagg jizbokka ghal triq il-Mithna, limiti tar-Rabat, Ghawdex.

Illi minhabba dan l-agir illegali u spoljattiv tal-konvenut, l-atturi sofrew danni konsistenti f’telf ta’ wicc ta’ ucuh tar-raba ghall-perjodu ta’ l-anqas ta’ seba’ (7) snin, ikkalkulat, arbitrio boni viri, fl-ammont ta’ tnejn u erbghin lira (Lm42) fis-sena;

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u erbgha u disghin lira (Lm294) liema danni huwa qieghed jirrifjuta li jhallas.

Talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u erbgha u disghin lira (Lm294) danni, kif spjegat hawn fuq jew somma ohra verjuri li tigi likwidata bhala li hija dovuta minn dan it-Tribunal u dana wara li jigi dikjarat li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta’ l-istess danni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez ukoll ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Gunju 2001 u dik bonarja tat-28 ta' Mejju 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni ta' kull jedd li seta' kellhom l-atturi fil-konfront tal-konvenuti ai termini ta' l-artikolu 2153 u 2154 tal-Kodici Civili.

Illi l-esponenti qed jikkontestaw sew ir-responsabbiita' ghad-danni u kif ukoll il-*quantum* tad-danni pretiz mill-atturi.

Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti, kif ukoll ha konjizzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet *Margarita mart Gorg Vella vs Anton Vella (Citazz Nru 49/95)* deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-6 t'April 2001

Ikkunsidra

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:

Din hija maghmula b'mod kontradittorju billi jsemmi zewg artikoli tal-ligi flimkien, wiehed rigward danni mhux naxxenti minn reat kriminali u l-iehor ghal danni rizultanti minn offizi kriminali. Billi l-allegati danni huma naxxenti minn spoll, l-artiklu 2153 ma japplikax, billi spoll jikkostitwixxi offiza kriminali skond artiklu 85, Kap 9, li li jikkontempla perjodu ta' habs bejn xahar u tlett xhur u skond Art 688 abbinat ma' Art 691(1) ta' Kap 9, paragrafu (e), il-preskrizzjoni kriminali applikabbli in materja hija ta' sentejn minn meta, fil-kaz ta' reat kontinwat, tintemm il-kontinwazzjoni tieghu. Jirrizulta li l-ispoll intemm fis-6 t'April 2001 u ghalhekk certament m'ghaddiex il-perjodu preskrittiv;

Dwar il-mertu:

Il-konvenuti jsostnu li offrew lill-atturi access alternattiv minn fuq proprjeta' ta' terzi u jippretendu li allura hija kienet obbligata taccetta din l-offerta biex timminimizza d-danni. Dan mhux accettabbli ghax m'hu xejn hlief parti mill-att spoljattiv taghhom, li permezz tieghu qeghdin jiehdu l-ligi b'idejhom u jiddettaw lill-atturi kif jistghu jaccedu ghall-proprjeta' taghhom.

Dwar id-danni, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati, b'dan pero' illi l-ispoll dam mill-1995 s'April 2001 u cioe' sitt snin u mhux mill-inqas seba' snin kif allegat mill-atturi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif dedotta fir-risposta tal-konvenuti, u jiddisponi mill-mertu tal-kaz billi jiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti kawza tal-ispoll minnhom kommess, jillikwida l-istess danni bir-rata ta' LM42 fis-sena ghal sitt snin u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' LM252 bl-ispejjez inkluzi tal-avukati li ppatrocinaw lill-

partijiet kontendenti f'din il-kawza kif ukoll dawk tal-ittra ufficcjali tat-2 ta' Gunju 2001 u dik bonarja tat-28 ta' Mejju 2001.

(ft.) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur